**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 16 ta' Awwissu 2015**

**PULIZIJA**

**Spettur Jason Sultana**

**VS**

**Rosario Marseglia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Rosario Marseglia ta' 22 sena, bin Bartolomeo u Camilla nee' Campanile, mwieled Casareta nhar l-4 ta' Marzu 1993, residenti Sundown Court, Block B, Room 3, Triq ir-Russett, Kappara u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru AT0216391;

Talli fil-15 ta' Awwissu 2015 ghall-habta tas-7.30hrs gewwa Triq ir-Russett, Kappara;

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix €2500 imma huwa izjed minn €250 ghad-detriment ta' diversi persuni u jew entitatjiet ohra;
2) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il=bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat kien lest jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna lill-parti leza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**